**21 ta' April, 1961**
**Imħallfin:—**
**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Dolores Tabone et.

*versus*

Salvatore Degabriele

**Self — Użura — Imgħax — Ripetizzjoni ta' Indebitu — Preskrizzjoni — Obligazzjoni Naturali — "Soluti Retentio" — Art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min jitlob lura l-użura li jkun ħallas ma jkunx qiegħed jeżerċita l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu mħallas bi żball, imma jkun qiegħed jitlob flus li hu ħallas għal kawża ineżistenti, għax illeċita u projbita mil-liġi. Għaldaqstant, għal din l-azzjoni mhix applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu, imma dik ta' tletin sena li tolqot l-azzjonijiet in ġenerali li għalihom mhux stabbilit xort'oħra.*

*Kontra din l-azzjoni lanqas hi fondata l-eċċezzjoni tas-"soluti retentio"; is-somma mħallsa bħala użura għandha tiġi restitwita lil min ħallasha, u ma tista' qatt tifforma oġġett ta' obligazzjoni naturali.*

*Il-massima li l-imgħax ma jiddekorrix sakemm il-kreditu dovut*

*ma jkunx likwidu mhix assoluta, u jista' jkun hemm każijiet fejn dik il-massima ma tirċevix applikazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premess illi l-konvenut, minn Ġunju tas-sena 1961 sa Ottubru 1953, silef lill-attriċi, allura xebba, diversi ammonti, kif jidher mill-prospett (dok. "A"), li ġew minnha mħallsa f'qasir żmien bl-imgħax tal-għoxrin fil-mija (20%) u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%); u premess illi l-konvenut b'dan il-mod għandu jagħti lill-attriċi s-somma ta' £56 bħala flus li ħa ndebitament, kif jirriżulta fl-istess prospett dok. "A"; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, talbu li l-konvenut jiġi kundannat jirrifondi u jagħti lill-attur s-somma ta' £56, jew kwalunkwe somma oħra verjuri, li tiġi likwidata, jekk hemm bżonn permezz ta' periti, li tirriżulta dovuta, lill-atturi għar-raġunijiet fuq imsemmija. Bl-imgħax legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Ottubru 1960, li biha astenjiet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni, li ġiet rinunzjata; illikwidat l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi bħala ndebitament imħallas minnha fis-somma ta' £55. 16. 2d: u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi ammont ekwivalenti, bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż tal-kawża; wara li kkunsidrat;

Kif jidher mill-verbal a fol. 7, il-konvenut irrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni;

Fil-meritu;

B'digriet tas-7 ta' Novembru 1955 din il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor George Schembri bħala perit legali biex jirrelata jekk il-pretensjoni tal-attriċi hijiex fondata fid-dritt u fil-fatt u jissottometti l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

B'rapport tal-31 ta' Jannar 1957 il-perit irrelata:—

1. Illi l-kontendenti qablu li l-attriċi, meta kienet xebba kienet tisselllef flus minn għand Giuseppa Degabriele, mart il-konvenut . . . . .;

2. Illi l-kontestazzjonijiet prinċipali huma dwar ir-rata tal-imgħax u dwar l-ammont misluf lill-attriċi;

3. Illi rriżulta li l-imgħax f'ċerti okkażjonijiet kien bir-rata ta' 4s. u f'oħrajn ta' 5s. fil-lira;

*Omissis;*

8. Illi, kalkulati l-imgħaxijiet a skaletta bir-rata ta' 6% fis-sena, li hu l-massimu permess mil-liġi . . . . . jilħqu b'kollox £2. 14. 10d;

9. Imgħax li ġie mħallas . . . . . £58. 11. 0d;

10. Illi b'dan il-mod l-attriċi ħallset iżjed £55. 16. 2d;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fiċ-ċitazzjoni l-attriċi speċifikatament irriferiet għall-perijodu minn Ġunju 1951 sa Ottubru 1953 . . . . . . Il-konklużjonijiet tal-perit legali huma, taħt iċ-ċirkustanzi, l-aktar xierqa u ġusti, u l-Qorti tadottahom. L-attriċi kienet f'sitwazzjoni li kellha bżonn tal-flus għan-neċessitajiet familjari u kellha tisselllef minn għand mart il-konvenut b'kondizzjonijiet iebsin, bħal ma ġeneralment jiġri aktar ma jkun qawwi l-bżonn għas-self. Ma kienux jinżammu kotba . . . . Għamel sewwa l-perit legali li eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu "arbitrio boni viri" biex jillikwida l-użura relattiva . . . .;

Rat in-nota tal-konvenut li biha appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata,

billi l-azzjoni tiġi respinta, jew minħabba li għadda ż-żmien ta' dekadenza, u jew minħabba l-eċċezzjoni tas-"soluti retentio", jew *inkella minħabba l-ineżistenza tal-kreditu pretiż*, u hekk fi kwalunkwe każ tiġi riġettata l-istanza; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fil-petizzjoni tiegħu l-konvenut eċċepixxa, fl-ewwel lok, illi għall-azzjoni esperita mill-attriċi hemm l-ostakolu tad-dekadenza, *inkwantokkè dik l-azzjoni ġiet eżerċitata wara* aktar minn sentejn li fihom, skond l-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili, tista' tintalab ir-ripetizzjoni tal-indebitu;

Fuq din l-ewwel kwistjoni, din il-Qorti taqbel għal kollox ma' dak li ġie ritenut minnha fil-kawżi riportati fil-Kollezzjoni Vol. XXX-I-103 u XXXII-I-263, fis-sens illi min jitlob lura l-użura li jkun ħallas ma jkunx qed jeżerċita l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' ndebitu mħallas "bi żball", imma jkun qed jitlob lura flus li huwa ħallas għal kawża ineżistenti, għax illeċita u *projbita mil-liġi; għalhekk, għal* din l-azzjoni mhix applikabbli l-preskrizzjoni stabbilita għall-azzjoni ta' ripetizzjoni tal-indebitu, iżda biss il-preskrizzjoni ta' tletin sena, li tolqot l-azzjonijiet in ġenerali li għalhom mhux stabbilit xort'oħra;

Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' dekadenza jew preskrizzjoni opposta mill-appellant ma tistgħax tiġi milqugħa, u hija miċħuda; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*Ikkunsidrat;*

It-tieni pretensjoni tal-appellant hija illi kontra l-azzjoni tal-attriċi hemm ukoll l-ostakolu tas-"soluti retentio". Hu nvoka favur tiegħu s-sentenza tal-Prim'Awla riportata fil-Volum XXXVIII-II-510, li fiha hemm ċitata wkoll sentenza oħra tal-Prim'Awla riportata fil-Vol. XXXIV-II-498 dawn it-tnejn bażati fuq is-sentenza ta' din il-Qorti riportata fil-Vol. XXXI-I-39. Dawn is-sentenzi ma kienux jirrigwardaw il-kwistjoni tal-ħlas ta' użura, iżda

kwistjoni ta' ripetizzjoni ta' ħlas ta' kera awmentat mingħajr il-permess tal-Board li jirregola l-Kera. L-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti kienet irriteniet illi l-kerrej li jaċċetta l-għoli tal-kera u jħallas il-kera hekk awmentat ma għandux dritt jirrepetieh, għax ikun qiegħed jeżegwixi obligazzjoni naturali;

Din il-Qorti, kif kostitwita, ma jidhrilhiex li hu l-każ li tiddiskuti dak il-prinċipju f'din il-kawża. Tosserva biss illi għar-rigward tal-użura (u dan hu l-meritu ta' din il-kawża) l-istess ġudikanti li kienu taw is-sentenza fuq ċitata (Vol. XXXI-I-39), f'kawża sussegwenti ddeċedew illi "il-konvenzjoni affetta b'użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut, jiġifieri ineżistenti, billi illeċita għaliex projbita mil-liġi, u hija illeċita fir-rigward tal-mutwant . . . . . Għalhekk, is-somma mħallsa bħala użura għandha tiġi restitwita lil min ħallasha, u ma tista' qatt tifforma oġġett ta' obligazzjoni naturali" (Vol. XXXII-I-263). U din il-Qorti taqbel għal kollox ma' dan;

Għalhekk, lanqas dan l-aggravju tal-appellant ma hu fondat;

Tibqa' l-kwistjoni tal-meritu;

Fil-petizzjoni l-appellant, biex isostni l-ilment tiegħu rigward il-meritu qiegħed jaċċetta bħala korrett il-prospett fol. 4, in kwantu jindika s-sommom li l-attriċi suppost isselfet, ammontanti b'kollox għal £552. Din hi attitudini ġdida, inkonsistenti ma' dak li hu sostna in prima istanza . . . . . imma dwar l-ammonti tas-self u l-kalkolu tal-użura, din il-Qorti taqbel għal kollox mas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat;

Fl-aħħarnett, l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ma għamletx sewwa li fuq is-sorti likwidata bħala dovuta minnu kkundannatu jħallas l-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni. Billi fiċ-ċitazzjoni l-attriċi, wara li talbet il-kundanna tal-konvenut fis-somma ta' £56, żiedet il-kliem "jew kwalunkwe somma oħra verjuri li tiġi likwidata", l-

appellant jidhirlu illi messu ġie applikat il-prinċipju "in liquidandis non fit mora";

Kif ġie ritenut fis-sentenza riportata fil-Vol. XXXVIII-599, il-massima illi l-imgħax ma jiddekorrix sakemm il-kreditu dovut ma jkunx likwidu mhix assoluta, u jista' jkun hemm każijiet fejn dik il-massima ma tistgħax tirċievi applikazzjoni. Fil-każ preżenti, l-ammont akkordat mill-Ewwel Qorti kien bi frazzjoni minima biss (ċjoè 3s. 10d.) anqas minn dak speċifikatament mitlub fiċ-ċitazzjoni. Terġa, il-konvenut, li kif xehdet bintu Carmela Degabriele kellu, sakemm għoġbu jqattagħhom (kif qal hu) il-karti kollha f'idejh kien jaf, jew messu jew seta' kien jaf, kemm hu l-ammont dovut. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li ma għamletx ħażin l-Ewwel Qorti li akkordat l-imgħax kif mitlub, ċjoè minn notifika taċ-ċitazzjoni; li biha, skond l-art. 1184(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut ġie kostitwit in mora;

Għal dawn il-motivi, u dawk tal-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.